Maltese Literature Group Inc.
Grupp Letteratura Maltija Ink.
Incorporation No. A8686H
*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*
**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

# FOLJU T'AĦBARIJIET
# Numru 204 :: MEJJU 2013

**Editur: Paul Vella**
paul.vella44@gmail.com

## IL-LAQGĦA TAL-MEMBRI LI TMISS

Il-laqgħa li tmiss, bħas-soltu, se tkun l-aħħar Ġimgħa tax-xahar, jiġifieri nhar il-Ġimgħa, **31 ta' Mejju, 2013** fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm. Il-membri kollha mistiedna li jġibu xi xogħol biex jinqara f'din il-lejla. Jekk jogħġobkom ippruvaw li tkunu hemm fil-ħin. Nixtieqni naraw aktar membri jattendu għal dawn il-laqgħat, għalhekk ħajru lill-membri tal-familja u lil ħbiebkom biex jiġu u jsiru membri.

## PROGRAMM MUŻIKO-LETTERARJU

Il-Programm Mużiko-Letterarju huwa wieħed mill-iktar avvenimenti importanti fil-kalendarju tal-Grupp tagħna. Din is-sena dan se jinżamm il-Ħadd, 22 ta' Settembru fis-Sala taċ-Ċentru Malti ta' Parkville. Nitolbukom li żżommu din id-data biex tkunu tistgħu tattendu. Jekk hemm xi membri li għandhom xi xogħol għall-Programm Mużiko-Letterarju ta' din is-sena tkun ħaġa tajba jekk jibagħtuh lil **Ray Anastasi, 19 Daimler Ave, Keilor Downs, Victoria 3038** biex ikun jista' jibda jaħdem fuqu u mhux kollox jaqa' għall-aħħar ħin. Kif tafu, ix-xogħol irid jiġi ttajpjat, moqri, ikkoreġut, u wara jerġa' jiġi moqri. Dan jieħu ħafna żmien. Wara irid jiġi ppaġnat u jmur għand l-istampatur biex jiġi mitbugħ u jkun għandna għall-Programm Mużiko-Letterarju. L-għajnuna tagħkom tkun apprezzata. Fl-istess ħin, dawk li għandhom aċċess għall-*internet*, ikun aktar faċli jekk jibgħatu x-xogħol tagħhom permezz ta' *email* lil Ray Anastasi: **rrmlanastasi@bigpond.com**

## NITOLBU GĦAL ŻEWĠ MEMBRI TAGĦNA

Nitolbukom biex tiftakru fit-talb tagħkom lil żewġ membri tagħna — Laurie Armato u Edwin Baldacchino. Laurie hu membru tagħna għal ħafna snin u mhux biss kien jieħu sehem bil-kitba tiegħu imma anki permezz tal-mużika fejn kien idoqq il-mandolina fil-programmi mużiko-letterarji. Mill-banda l-oħra, Edwin, flimkien ma' martu, Mary, kienu membri magħna għal ħafna snin. Laurie u Edwin għandhom bżonn it-talb tagħna.

## SIT LI NAF ŻGUR JINTERESSAKOM

Il-membri tagħna, Rose u Joe Lofaro, dan l-aħħar qaluli b'dan is-sit li jiena sibtu ferm interessanti. Għal dan il-għan qiegħed ngħaddih lilkom biex tidħlu u taraw x'fieh.

http://malti.skola.edu.mt/ <http://malti.skola.edu.mt/>

## IMUT PATRI MIKIEL FSADNI - *skopra l-ewwel kitba bil-Malti*


**Patri Mikiel Fsadni**

Nhar il-Ħamis, 18 t'April, tħabbret il-mewt ta' Patri Mikiel Fsadni fl-eta ta' 97 sena. Patri Fsadni huwa storiku li flimkien mal-Professur Godfrey Wettinger jibqgħu magħrufin għas-sejba tal-Kantilena, l-ewwel kitba bil-Malti. Patri Mikiel Fsadni huwa awtur ta' bosta kotba interessanti ta' storja, fosthom 'Il-Girna', li kien suċċess kbir kemm b'edizzjoni bil-Malti u oħra bl-Ingliż. Għex snin twal fil-kunvent tad-Dumnikani tar-Rabat u dan l-aħħar kien rikoverat f'Dar Messina qrib il-kunvent. Patri Mikiel Fsadni kien skopra l-ewwel poeżija miktuba bil-Malti medjevali. Din hija l-Kantilena. Il-Kantilena kienet instabet fit-22 ta' Settembru 1966 u hija poeżija tal-ħmistax-il seklu miktuba minn Pietru Caxaro. Għalkemm hi miktuba bil-Malti, din il-poeżija hija f'forma ta' Malti bikri li kien għadu ma kellux l-influwenza tal-Ingliż u t-Taljan u għalhekk hija eżempju uniku ta' Malti storiku.

Fl-1990, kien ippublika studju dwar il-giren, il-binjiet fejn kienu joqoqħdu r-rgħajja. Għamel ukoll studju dwar il-Provinċja tad-Dumnikani f'Malta.

Patri Mikiel twieled Bormla u ingħaqad mad-Dumnikani fl-1933 wara li studja l-filosofija u t-teoloġija. Il-funeral tiegħu sar is-Sibt, 20 t'April, fil-Knisja tal-Madonna tal-Għar, tal-Patrijiet Dumnikani, ir-Rabat.

## *ITTRI LI NIRĊIEVU...*

Għażiż Paul,
Il-letterartura Maltija dejjem tibqa' f'qalbna. Ma jistax jonqos. Grazzi tat-twassil elettroniku tal-Folju. Bħal dejjem interessanti u mburġat bit-tagħrif meħtieġ. Tagħrif li qatt m'hu monotonu u li jiswa biex inkomplu nitgħarrfu dwar x'qed jiġri rigward ħidma favur l-Ilsien Malti ġewwa l-Awstralja fejn hemm konċentrazzjoni kbira ta' Maltin, li baqgħu ma nsewx li huma sehem minn din il-gżira ċkejkna f'nofs il-Mediterran. Nies bħalek, jekk tippermettili, huma l-injezzjoni li tagħti l-istimolu biex il-ħeġġa favur l-Ilsien u l-letteratura Maltija ma tbattix, saħansitra f'art li ma jisimhiex Malta u ta' daqs ferm ikbar minn din l-art.
B'imħabba, ***Mario Griscti***

Għażiż Paul,
Niżżik ħajr tal-folju. Grazzi bħal dejjem għall-ħidma li twettqu b'risq lingwitna!
Tislijiet,
***Amanda Busuttil***

Għażiż Paul Vella,
Jien wieħed li naqra l-Folju. Insibu ferm interessanti għax inkun naf x'inhu jinkiteb barra minn xtutna. Nixtieq nirringrazzjakom talli qed iżżommu l-lingwa Maltija ħajja.
Qed nibagħtilkom l-aħħar ktieb tiegħi tal-poeżiji 'Katarsi' b'format PDF.
Jekk trid tgħaddih lil min tinteressah il-poeżija għamel dan.
Inselli għalik,
***Andrew Sciberras***

# "KATARSI" – *ktieb ta' poeżiji minn Andrew Sciberras*


Andrew Sciberras

Dan l-aħħar irċevejt ittra permezz ta' emejl minghand Andrew Sciberras, minn Malta, li jsegwi l-Grupp tagħna permezz tal-Folju tagħna ta' kull xahar fejn qalilna kemm jieħu gost jara li aħna l-Maltin tal-Awstralja qed ngħinu biex inżommu l-lingwa tant għażiża tagħna, il-Malti, ħajja fostna. Huwa kien tant ġentili li offra kopja tal-ktieb tiegħu ta' poeżiji, "Katarsi", f'forma ta' PDF lil min jixtieq jakkwistah.

Andrew Sciberras twieled fil-25 t'Awwissu 1968 f'H'Attard, għex il-Ħamrun u joqqħod Ħal Qormi. Miżżeweġ lil Joanne. Huwa impjegat fl-Isptar Monte Karmeli. Studjuż tal-filosofija, tal-istorja, kif ukoll tal-arti.

Kotba li kiteb huma Samsara, Noti tad-Demm, Waqtiet fis-Skiet, Mill-Eżilju ta' Ruħi u Traġitti, koawtur ma' Patrick Sammut.

Araw x'kiteb il-Prof. Oliver Friggieri fuq Andrew Sciberras…

"Il-poeżija ta' Andrew Sciberras ilha ħafna toffri eżempju tajjeb ta' dan it-tlaqqigħ ta' esperjenzi tas-sensi. Huwa jlaqqa' flimkien lit-tifsira u lill-forza tal-konsonanti u tal-vokali, ilkoll imqegħdin fil-qafas ta' versi li r-ritmu qabbieżi tagħhom jagħti forza u xejra lis-sens. Il-poeżiji ta' Sciberras jiksbu s-saħħa tagħhom mill-mod kif il-poeta jagħti importanza lill-aspetti li ma humiex biss semantiċi. Il-kelma għalih mhix biss sinifikat imlaħħam fl-ittri tal-alfabett; hija wkoll esperjenza li tinvolvi lis-sensi. Huwa sikwit jiddeskrivi daqskemm sikwit jirrakkkonta, u jirrifletti daqskemm jikkonkludi. Dan ifisser li x-xejriet tal-kitba jinvolvu esperjenza ta' aktar minn sens barrani wieħed." — *Prof. Oliver Friggieri*

Min jixtieq kopja tal-ktieb "Katarsi" ta' Andrew Sciberras, b'forma ta' PDF, permezz ta' *email*, għandu jibgħatli *email* fuq **paul.vella44@gmail.com** u jien, bil-permess ta' Andrew nibgħatlu kopja. – *Paul Vella.*

## PREGIERA

Nitolbok
Mulej
niegħem l-għanja
tas-safa dejjiema
u bl-imqass tal-qodos
qasqas
minn fuqi
dil-libsa
ta' lupu
u ċekkinni
daqs l-iżgħar
dudu
jixxaħxaħ hieni
fuq werqa maestuża
u sawwarni
f'duwa mirakoluża
li taħji l-morda
u tfarraġ il-qlub imnikkta.

— *Andrew Sciberras*

***Tikteb Leanne Ellul, l-Għaqda tal-Malti...***

# 'KONT DIĠA`' — *film ta' Mark Dingli*

Nhar it-Tlieta, 26 ta' Marzu, l-Għaqda tal-Malti wriet il-film ta' Mark Dingli 'Kont Diġà' li hu mnebbaħ mill-poeżija "Delimara" ta' Daniel Massa. Għal din l-attività kien hemm attendenza numeruża li nixtiquha terġa' tirrepeti ruħha fis-sessjoni li ssegwi l-film.

Fil-fatt, l-Għaqda ma xtaqetx tieqaf bil-wiri tal-film. Organizzaw sessjoni ta' diskussjoni nhar l-4 ta' April fil-5 pm. Flimkien iddiskutew dan il-film (x'għoġobna, x'laqatna, x'dejjaqna...) u lil hinn minn hekk, xi aspetti tal-poeżija li jidhru fil-film (kemm baqa' leali, x'jagħmel il-film partikolari, x'jagħmel il-poeżija partikolari...). Dawk li raw il-film ġew mitluba biex ma jitilfux id-diskussjoni. Min ma marx għall-film, kien mistieden ukoll! Din id-diskussjoni kienet miftuħa għal kulħadd.

It-trailer tal-film jinsab hawn: **http://www.youtube.com/watch?v=imj1_AsXkec**

# MARZU TA' QALBI - *Serata mtella' mill-Għaqda tal-Malti-Università F'ġieh Karmenu Vassallo*

Nhar il-Ħamis 21 ta' Marzu ttellgħet serata f'għeluq il-mitt sena mit-twelid ta' Karmenu Vassallo bl-isem ta' Marzu ta' Qalbi. Fis-serata taw is-sehem tagħhom Marcel Zammit-Marmarà li bi preżentazzjoni awdjoviżiva ħa lil dawk preżenti fi vjaġġ matul il-ħajja tal-poeta tan-nirien b'attenzjoni speċjali għall-kontribut letterarju tiegħu; Dominic Galea u Doreen Galea li għaxxqu lill-udjenza b'poeżiji mmużikati tal-istess poeta, fosthom Tiħux Ħsieb u Nirien; u Oliver Paul Vassallo, iben Karmenu Vassallo, li qasam magħna aneddoti ħelwin fost memorji oħra ta' missieru.

Il-mistieden speċjali tas-serata kien il-Professur Oliver Friggieri li għalaq b'kelmtejn mill-isbaħ dwar Vassallo fl-irwol tiegħu ta' poeta u fuq kollox bħala uman.

Wara s-serata kien hemm il-kotba ta' Marcel Zammit-Marmarà u d-diski kumpatti ta' Dominic Galea għall-bejgħ.

Ir-ritratti tas-serata ttieħdu minn Charlene Valentina Giordimaina. L-Għaqda tixtieq trodd ħajr lill-Kummissjoni Ewropea tal-għajnuna kollha.

# MIŻATA TA' SĦUBIJA

Il-miżata ta' sħubija issa qed titħallas fl-1 ta' Jannar ta' kull sena minn kulħadd. Dan ifisser li l-miżata issa titħallas minn Jannar sa Diċembru. Dawk li għadhom ma ħallsuhiex huma mitluba jagħmlu dan fil-laqgħa li tmiss u jaraw lil Ray Anastasi. Grazzi. Il-miżata għadha $10 kull familja. Grazzi lil dawk li ħallsu l-miżata fl-aħħar laqgħa tagħna.


State Government Victoria
Department of Premier and Cabinet
OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP

*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*



BOV
**BANK OF VALLETTA p.l.c.**
*Uffiċċju Rappreżentattiv:*
**16 Watt Street, Sunshine 3020**
**Telephone: 9311-3222**